# News Releases





## It-Tranżazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali: L-Ewwel Kwart tal-2023

NR113/2023 Data tal-Ħruġ: 28 ta’ Ġunju 2023 Data tal-Għeluq: 26 ta’ Ġunju 2023

*Fl-ewwel tliet xhur tal-2023, Malta rreġistrat defiċit ta’ €5.1 miljuni fil-kont kurrenti.*



Iċ-ċifri proviżorji tat-tranżazzjonijiet esterni ta’ Malta juru li matul Jannar-Marzu 2023, il-bilanċ tal-kont kurrenti rreġistra defiċit ta’ €5.1 miljuni, meta mqabbel ma’ defiċit ta’ €43.8 miljun fl-istess tliet xhur tas-sena ta’ qabel. Dan id-defiċit kien primarjament ir-riżultat ta’ bilanċ negattiv irreġistrat fil-kont tal-oġġetti (€516.7-il miljun), fil-kont tad-dħul primarju (€502.3 miljun) u fil-kont tad-dħul sekondarju (€90.3 miljun). Dan kien parzjalment ikkumpensat minn bilanċ nett pożittiv fil-kont tas-servizzi (€1,104.2 miljuni).

Matul l-ewwel trimestru tal-2023, il-kont kapitali rreġistra bilanċ nett pożittiv ta’ €144.3 miljun, li huwa €91.2 miljun aktar miċ-ċifra rreġistrata fl-ewwel trimestru tal-2022.

Il-kont finanzjarju kien iffurmat minn żieda netta ta’ €937.8 miljun fl-assi, żieda fil-bilanċ tal-assi netti ta’ €2,356.3 miljun meta mqabbel mal-valur irreġistrat fl-istess trimestru tal-2022. L-iżvilupp fil-bilanċ tal-kont finanzjarju kien ġej l-aktar minn bilanċi netti pożittivi tal-assi fl-investiment dirett (€778.3 miljun) u fl-investiment tal-portafoll (€587.5 miljun). Dan kien parzjalment ikkumpensat minn bilanċi netti negattivi tal-assi f’investiment ieħor (€414.8-il miljun) u fid-derivattivi finanzjarji (€29.4 miljun). Fl-istess perjodu, l-assi ta’ riżerva żdiedu b’€16.2-il miljun (Tabella nru 1).

## Ċart nru 1. Il-bilanċ tal-kont kurrenti

